MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 977/2005

**Emmanuel Vella & Sons Limited**

**Vs**

**Direttur, Dipartiment Protezzjoni Civili**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm1,121) rapprezentanti valur ta' *container* misluf lill-konvenut li safa nieqes meta kien fil-pussess tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota ta’ Cessjoni tas-sorte pprezentata fl-20 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha s-socjeta’ attrici cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Sema’ lil Dr Raphael Fenech Adami jikkonferma bil-gurament li l-ispejjez ghadhom dovuti;

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------